MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 178/2007

**Avukat Dottor Edward DeBono (ID 592758M) bhala mandatarju tas-socjeta' estera assenti Easy Logistics APS**

**Vs**

**Jet Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti nomine talab sabiex is-socjeta' intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' Lm2819.96c ekwivalenti ghal Euros 6568.74 oltre l-imghax legali mit-28 ta' Marzu 2006 u dan skond invoice numri 25734, 25735, 25736 u 27004 u dan ta' oggetti lilhom mibjugha u kkonsenjati fl-24 ta' Mejju 2003 mibghuta lilhom minn Hamburg, il-Germanja.

Bl-isepjjez komprizi dawk tal-ittra ufficajli tat-28 ta' Frar 2007. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 12 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi l-ewwelnett l-intimati ma gewx notifikati fl-indirizz ufficjali taghhom;

Illi l-attur irid igib prova tal-mandat tieghu;

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra, l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda preskritta ai termini ta' l-Art. 544 (a) tal-Kap. 13;

Illi l-kumpanija Jet Services Limited m'ghandha taghti l-ebda bilanc lil Easy Logistrics APS u dan stante li kull pendenza bejn il-partijiet ilha zmien li giet rizolta.

Illi r-rikorrenti kienu konsenjaw l-merkanzija ghand l-intimat b'mod tardiv u kawza ta' dan il-klijent ta' l-intimati sofra danni, illi kien hemm merkanzija ohra li kienet wasslet bi hsara fejn l-istess klijent ta' l-initmati rrifjuta li jhallas ghas-servizz ta' nol;

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Rat dak verbalizzat a fol 14 tal-istess waqt is-seduta tat-12 ta' Dicembru 2004 minn fejn jirrizulta illi s-socjeta' intimata 'irtirat' it-tieni (2) eccezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kif proposta, l-artikolu 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc jghid illi

l-azzjonijiet ghal pagament ta' 'freight' huma preskritti bit-trapass ta' sena' mit-terminazzjoni tal-vjagg.

Illi mix-xhieda tal-attur nomine (fol 15 u fol 16 ibid) kif ukoll mill-istess rikors promotur, jidher li, fil-meritu tieghu, dan il-kaz hu wiehed li jirreferi ghal dejn kummercjali in rigward bejgh u konsenja tal-oggetti, skond il-fatturi esebiti a fol 2 u fol 3 tal-istess atti (ara ukoll fol 19 ibid, fol 23 et seq ibid). Dawn l-oggetti jidhru li kienu ghamara u 'spare parts' (fol 24 ibid). Hu rilevanti, ukoll, illi a fol 28 ibid jinsab esebit dokument mibghut minn Kevin Mifsud f'isem is-socjeta' intimata lill-istess socjeta' attrici u li fih hemm imnizzel, illi s-socjeta' intimata ma tistax taghmel il-pagament relattiv 'in parte' ghall-istess oggetti in kwistjoni minhabba '… technical problems with our Bankers', liema dokument jgib id-data tat-13 ta' Jannar 2004. Inoltre mid-dokument a fol 29, a fol 34 u fol 35 ibid jirrisulta li l-istess merkanzija kienet waslet f'Malta fl-24 ta' Mejju 2003. Kif jidher mix-xhieda ta' Charles Farrugia (fol 47 et seq ibid) id-'delivery order' datata fl-23 ta' Mejju 2003 inghatat lir-rapprezentant tas-socjeta' intimata flimkien mar-rilaxx relattiv. Fl-ahhar nett kienet giet presentata ittra ufficjali datata l-28 ta' Frar 2007 debitament notifikata (ara fol 19 u fol 20 ibid).

Illi Olvin Galea (fol 69 u fol 85 et seq ibid) in rapprezentanza tas-socjeta' intimata, wara li qal li '… qed tigi sorvolata l-eccezzjoni tan-notifika' beda billi qal li '… bil-gurament tieghu li lanqas biss niftakar xi haga dwar din il-kumpanija' (ossija dik rikorrenti) u ' … qatt ma kelli xi kuntratt ma xi persuna addetta ma' l-istess socjeta' attrici'. Pero in kontro esami hu qal 'Ghandi idea li xi darba konna hdimna ma din il-kumpanija' (ossija dik rikorrenti) izda lmenta dwar 'delays' fil-kunsenja. Inoltre hu kompla jghid illi 'ovvjament is-socjeta' konvenuta kellha kuntatti' ma' din is-socjeta'.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-eccezzjoni in esami, jrid jinghad li:-

a) Din l-azzjoni tirriferi ghal ammont allegatament dovut fil-maggor parti tieghu in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' ghamara.
b) Filfatt jidher mid-dokumenti esebiti illi l-ammont pretiz principalment jirreferi ghal dan. Ghalhekk, minn dan il-lat l-artikolu citat ma hux applikabbli ghall-kaz in desamina.
c) Inoltre jidher ukoll illi, jista jkun li l-istess ammont 'in parte' jirreferi ukoll ghal pagament ta' 'freight' (ara fol 27 ibid). Pero jidher li minn dan il-lat u mid-dokumenti li ghalihom saret referenza l-perijodu ta' sena imsemmi ma' skadiex. Ghalhekk anke minn dan il-lat l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta u dan minhabba kemm interruzzjoni kif ukoll ta' rikonoxximent.
d) Dwar l-eccezzjoni in rigward in-notifika tenut kont illi l-istess Olvin Galea qal li din ghandha tigi sorvolata l-Qorti ma tarax li ghandha tikkonsidra din l-eccezzjoni ulterjorment;
e) Inoltre ta' min jghid 'obiter', illi ma hemmx il-htiega sabiex 'wiehed' jara jekk hemmx konflitt bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-ahhar eccezzjoni stante li dan l-punt ma tqajjimx mill-attur nomine.

Ikkunsidrat

Illi a bazi ta' dak premess, it-tieni (2) u t-tielet eccezzjonijet ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjoni u Tordna li dan il-kaz jitkompla fuq il-meritu u sabiex jigu konsiderati u decizi r-raba (4) u hames (5) eccezzjoni.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------